IL-FGURA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa Nru. 46/2016

Data: It-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016

Hin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

Preżenti: Dr. Byron Camilleri – Sindku
Sur Pierre Dalli – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Sur Ryan Ellul – Kunsillier
Sur Jesmond Zammit – Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier

Sur Kurt Scerri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Skużati: Sur Saviour Camilleri

Assenti: Sur Rene Zammit

## AĠENDA

**1. MINUTI**

**2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**3. KORRISPONDENZA**

**4. PURCHASE REQUEST FORMS**

**5. HLASIJIET**

**6. MEMOS**

**7. TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**8. PROĠETTI, TOROQ U XOGHOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**10. PROGRESS TA' HIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**11. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL**

**12. TRAFFIC MANAGEMENT**

**13. FINANZI**

**14. ATTIVITAJIET U FESTA MADONNA TAL-KARMNU**

**15. KUNSILL LOKALI ŻGHAŻAGH**

**16. EDUKAZZJONI**

**17. SEGRETARJU EŻEKUTTIV / STAFF**

**18. MOZZJONIJIET**

**19. MISTOQSIJIET**

**20. AĠĠORNAMENT**

## Minuti - *46*/2016

# 1. Minuti

**1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4314/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 10 ta' Mejju 2016". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-Minuti 10 ta' Mejju*

Il-mozzjoni ref: 4314/16/7 ġiet approvata unanimament.

**1.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4315/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 18 ta' Mejju 2016". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-Minuti 18 ta' Mejju*

Il-mozzjoni ref: 4315/16/7 ġiet approvata unanimament.

# 2. Punti imqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjem ebda punt mill-Minuti.

# 3. Korrispondenza

**3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

# 4. Purchase Request Forms

**4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4316/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 14/6/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Approvazzjoni PRFPO*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo. Sur C Bonello

Il-mozzjoni ref: 4316/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u 2 astenzjonijiet.

## 5. Hlasijiet

5.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4317/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 11/5/16 sa 3/6/16" (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur S Camilleri.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo u Sur C Bonello

Il-mozzjoni ref: 4317/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u 2 astenzjonijiet.

5.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4318/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 4/6/16 sa 14/6/16" (ara 'DOK Ċ' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot wara li l-Kunsillier Sur R Deguara ħareġ mil-kamra, fid-dawl li hu qal li għandu konflitt ta' interess fuq punt nr.8 tal-iskeda.

*Approvazzjoni tal-ħlasijiet – Lista addizzjonali*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Ellul, Sur J. Zammit.
Kontra: Ħadd.
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo u Sur C Bonello

Il-mozzjoni ref: 4318/16/7 ġiet approvata b'erbgħa voti favur, l-ebda vot kontra u 2 astenzjonijiet.

## 6. Memos

6.1 Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 7. Tenders, Quotations, Kuntratti u Offerti

7.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4319/16/7 "Dan il-Kunsill jinnota l-offerti provduti minn Green MT u Greenpak għal ġbir ta' skart separat. Huwa tal-fehma illi l-offerta ta' Greenpak hija aktar vantaġġjuża. Għaldaqstant jagħżel lil jikuntratta ma Greenpak ". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Offerta GreenPak u GreenMT*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara Sur R Ellul, Sur J. Zammit.
Kontra: Sur C Bonello
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo

Il-mozzjoni ref: 4319/16/7 ġiet approvata b'ħames voti favur, vot kontra u astensjoni waħda.

Il-Kunsillier C Bonello għamel dikjarazzjoni hawn annessa u immarkata bħala 'DOK D'.

Is-Sindku informa lil Kunsillier li l-offerti kollha kienu mwassla lil Kunsilliera kollha sabiex jagħmlu l-analiżi tagħhom.

## 8. Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

**8.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4320/16/7 "Sabiex issir applikazzjoni għal fondi mill-*Urban Improvement Fund* sabiex issir kostruzzjoni ta' bankini f'dawn iż-żewġ żoni: *UIF-Bankini*

ZONA A : Triq Kent bejn Triq l-Isponsun sa kantuniera ma Triq Pace u Grasso; Triq San Ġorġ Preca; Triq Mater Boni Consilii bejn Triq San Tumas u Triq is-Sur. Isir paving/imprint concrete quddiem Block A1, A2, A3, u A4 fi Triq M B Consilii.

ZONA B: Triq San Xmun bejn Triq Merħba u Triq l-Erbatax ta' Diċembru 1945; Triq l-Erbatax ta' Diċembru 1945; Triq ir-Rużell; Triq il-21 ta' Jannar 1965; Triq Antonio u Maria Cumbo; Triq Buqexrem".

Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 4320/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

**9.1** Is-Sindku qal huwa kellu laqgħa mar-rappreżentati tal-Kumpanija GO dwar il-ħruġ tal-permessi b'rabta max-xogħolijiet tal-istess Kumpanija. Is-Sindku fakkar illi dan il-Kunsill kien qabel li m'għandu jinħareġ l-ebda permess lil din l-entita sakemm ma tiġix pprovduta garanzija bankarja. Kompla billi qal li fl-istess laqgħa ir-rappreżentati tal-entita aċċettaw li jagħmlu din il-garanzija bankarja. Il-Kunsillier R. Deguara staqsa dwar l-ammont ta' din il-garanzija u s-Sindku qal li din tkun tvarja skont kemm ikun il-valur tax-xogħol. *Garanzija Bankarja-Go*

## 10. Progress ta' Hidma mill-Membri tal-Kunsill

**10.1** Il-Viċi Sindku qal illi l-Kunsill irċieva offerta ta' siġar sabiex jitħawlu fil-lokalita. Is-Sindku qal li ser naraw eżattament l-offerta x'tinvolvi sabiex umbagħad naraw fejn isiru. *Offerta ta' Siġar*

## 11. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

**11.1** Is-Sindku qal li huwa irċieva talba b'rabta mat-tneħħija ta' boundary wall ta' propjetà li tinsab fi Triq il-Giżi liema boundary wall jinstab fil-propjetà privata tas-sid. Wara diskussjoni u fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bonello, l-membri qablu li għandna tintalab id-direzzjoni tal- *Boundary Wall*

Kunsillier Saviour Camilleri kif ukoll tal-Perit tal-Kunsill dwar dan il-każ.

## 12. Traffic Management

**12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4321/16/7 "Traffic Management: 13/05/2016 2016/579 Triq il-Karmnu sabiex isiru yellow lines quddiem garage 118 Il-Kunsill japprova din it-talba. 13/05/2016 2016/622 Sabiex issir U Bar fuq il-bankina fi Triq San Tumas quddiem Sleek Hair Salon (li jinsab in-naha tal-photographer) ghax meta karozzi/vannijiet iduru ma din il-kantuniera qegħdin jibqghu tilgħin fuq il-bankina peress li hemm rampa eżat fil-kantuniera li tiġi quddiem dan l-istess ħanut. Xi metru l-bod hemm zebra crossing b'rampa għalhekk jekk issir din il-U bar mhux ha jagħlaq l-aċċess għal wheelchairs etc Il-Kunsill japprova din it-talba. 25/05/2016 2016/729 L-owner ta' 2 garaxxijiet li jinsabu fi Triq William Lassel (n. 2B u 2C) ġie il-kunsill jitlob li jsiru double yellow lines quddiem dawn iż-żewġ garaxxijiet peress li min jikri il-Garage no. 2B Alex Zammit 99869362 qed jipparkja quddiem il-garage b'konsegwenza li Karl Briffa (79002305) li jikri il-garage 2C ma jkunx jista jidħol u joħroġ bil-karozza. Sabiex isiru double yellow lines biswit garaxx 2B ta' metru skont il-liġi. Dan m'għandux ikompli quddiem propjeta/garaxx ieħor. 31/05/2016 2016/750 Sabiex tikber b'metru minn mal-koxxa ma kull naħa tal-garaxx li jinsab ma dar nru 18, Triq il-Misk. Il-Kunsill japprova din it-talba. 03/06/2016 2016/764 Ir-resident jixtieq li ssir MC Bay fi Triq San Ġwann viċin ta' Triq Hompesch fejn hemm Cuschieri tal-finanzi. Il-Kunsill japprova bil-kundizzjoni li ma jitnaqqas l-ebda parkeġġ ta' karozza. 08/06/2016 2016/774 Sabiex isiru yellow lines quddiem it-tieni garaxx minn Triq ir-Riħan għal Sqaq Irjallu (garaxxijiet mingħajr numru) Il-Kunsill japprova din it-talba. 23/05/2016 To shift reserved parking one place down quddiem 26 Triq San Pietru Il-Kunsill japprova din it-talba. 09/06/2016 2016/786 Biex issir MC Bay quddiem Dar No. 55, Cupid (bieb kannella tal-kewkba) fi Triq il-Koppla għax ir-resident ikun irid idaħħal il-mutur ġewwa d-dar tiegħu. Il-Kunsill japprova bil-kundizzjoni li ma jitnaqqas l-ebda parkeġġ ta' karozza. Sabiex issir mc bay quddiem 127 Triq MB Consilii. Issir parking bay fi Triq San Xmun kantuniera ma Triq il-Merħba. Kif tidħol minn Triq il-Merħba għal San Xmun fil-lemin lejn Tarxien". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Sinjali tat-traffiku u marki biż-żebgħa*

Il-mozzjoni ref: 4321/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 13. Finanzi

**13.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 14. Attivitajiet u Festa Madonna tal-Karmnu

**14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4322/16/7 "Sabiex tittella' attivita' ta' Fgura Fest bil-kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna. Budget €500". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Fgura Fest*

Il-mozzjoni ref: 4322/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4323/16/7 "Sabiex tiġi organizzata ħarġa kulturali fuq il-baħar". Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot. *Attivita fuq il-bahar*

Il-mozzjoni ref: 4323/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4324/16/7 "Sabiex dan il-Kunsill japplika sabiex jorganizza attivitajiet marbuta mal-European Mobility Week". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Mobility Week*

Il-mozzjoni ref: 4324/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4325/16/7 "Dan il-Kunsill jiddeċiedi li ma jagħtix permessi għal sound, televiżjonijiet jew big screens fit-triq jew bankina matul il-festa". Din kienet ssekondata mis-Sur C Bonello. Ittieħed vot. *Armar ta' Big Screen*

Il-mozzjoni ref: 4325/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4326/16/7 "Il-Kunsill japprova t-talba tal-Kummissjoni Festa Esterna sabiex tittella l-Fgura Fest u tingħalaq Triq Hompesch". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Gheluq ta' Triq Hompesch*

Il-mozzjoni ref: 4326/16/7 ġiet approvata unanimament.

**14.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4327/16/7 "Dan il-Kunsill jiddeċiedi li matul il-festa, dawk li jbiegħu l-ġugarelli jkunu Triq Hompesch man-naħa ta' Vince Ironmongery, inkluż il-Ħadd". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Bejgh ta toys*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul
Kontra: Sur J. Zammit, Sur M Lombardo u Sur C Bonello
Astenzjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni ref: 4327/16/7 ġiet approvata b'erbgħa voti favur, tlieta kontra u l-ebda astensjoni. Il-Kunsillier Bonello xtaq iżid illi huwa baqa' tal-opinjoni kif kien sena ilu meta kien diskuss dan is-suġġett fil-Kunsill.

Il-Kunsillier Bonello kompla billi qal li bħala Kunsill għandna nimmarkaw mal-art l-ispazju li għandu jintuża minn dawk li jitolbu permessi biex jarmaw imwejjed u siġġijiet u saħaq li għandu isir infurzar tal-kundizzjonijiet u l-metri kubi imniżżla fil-permess. Għaldaqstant is-Sindku qal li ser jitkellem mal-Spettur li ser jieħu ħsieb l-ordni fil-festa dwar dan is-suġġett filwaqt li kien hemm qbil li jiġi immarkat l-ispazju li għandu jintuża għall-istess għan.

## 15. Kunsill Lokali Żgħażagħ

**15.1** Is-Sindku informa lil membri illi l-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ rebaħ proġett ieħor. Dan ser jiġi attawat fil-ġranet li ġejjin.

*Proġett gdid*

## 16. EDUKAZZJONI

**16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4328/16/7 "Sabiex jiġu organizzati lezzjonijiet ta' Malti, Ingliż u Matematika bla ħlas għar-residenti tal-Fgura, immirati għar-resits tal-O Levels". Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Lezzjonijiet ta' Malti, Ingliż u Matematika*

Il-mozzjoni ref: 4328/16/7 ġiet approvata unanimament.

**16.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4329/16/7 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura jorganizza korsijiet tal-kompjuter għal tfal u adulti residenti tal-Fgura skont kif anness. Digital Literacy Course for Adults għal prezz ta' €25. PC Junior Technician Course - Age 6 to 11 - għall-prezz ta' €45. Gaming Unity Course Age 12+ - għall-prezz ta' €45. Budget €1100. Is-Segretarju Eżekuttiv jiġi awtorizzat deskrizzjoni li jawtorizza kors mingħajr ħlas lil min ġenwinament ma jiflaħx iħallas. Għandu jitqassam leaflet lir-residenti tal-Fgura". Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Lezzjonijiet ta' Malti, Ingliż u Matematika*

Il-mozzjoni ref: 4329/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 17. Segretarju Eżekuttiv/Staff

**17.1** Is-Sindku informa lil membri illi nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju tagħlaq is-sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali Fgura. Kompla billi qal li hemm bżonn jinħatar bord sabiex jagħmel l-interviews u imexxi dan il-proċess. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4330/16/7 "Sabiex il-bord tal-għażla għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ikun magħmul hekk: Chairman: Sindku, Membri: Charles Bonello, Ray Deguara, Ryan Ellul u

*Hatra ta' bord kariga segreterju ezekuttiv.*

Saviour Camilleri" Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur M Lombardo u Sur C Bonello
Kontra: Ħadd
Astenzjonijiet: Sur J Zammit

Il-mozzjoni ref: 4330/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, xejn kontra u astensjoni waħda.

## 18. Mozzjonijiet

**18.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4306/16/7 "Sabiex Triq Bormla bejn Triq Valperga u Vjal Kottoner tiġi mmarkata bħala speed limit ta' 30 km/hr". Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Speed limit Vjal Kottoner u Valperga*

Il-mozzjoni ref: 4306/16/7 ġiet approvata unanimament.

**18.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4307/16/7 "Sabiex jinxtraw tappieri biex jgħattu t-toqob tal-arbli fuq il-bankini". Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Tappieri għat-toqob tal-arbli tal-festa*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit u Sur C Bonello
Kontra: Ħadd
Astenzjonijiet: Sur M Lombardo

Il-mozzjoni ref: 4307/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, xejn kontra u astensjoni waħda.

**18.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4308/16/7 "Sabiex jinkrew 2 settijiet ta' mobile toilets għal żmien il-festa". Din kienet ssekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot.

*Mobile toilets*

Il-mozzjoni ref: 4308/16/7 ġiet approvata unanimament.

**18.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4309/16/7 "Illi matul l-aħħar snin dan il-Kunsill provda lir-residenti tal-Fgura aktar kumdita fejn jidħol il-ġbir ta' skart separat, hekk kif dan l-iskart jinġabar minn wara l-bieb ta' kull resident/residenta. Dan jgħodd kemm għal plastik, karti u metall (borża ħadra/griża) li jinġabru kull nhar ta' Tlieta kif ukoll għall-ħġieġ li jinġabar kull ħmistax. Illi dan il-Kunsill jinnota illi ta' sikwit ikun hemm abbuż b'rimi ta' skart organiku, goff u anke xi drabi perikoluż fejn il-bring in sites li jinsabu fi Triq Mater Boni Consilii, u li mhux ġust illi r-residenti tal-inħawi jkomplu jbatu dan l-abbuż ta' kuljum. Għaldaqstant dan il-Kunsill jiddeċiedi li jneħħi l-bring in sites minn Triq Mater Boni Consilii, u jinstalla planters bis-siġar minflok". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

*Bring in sites triq Mater Boni Consigli*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur M Lombardo u Sur C Bonello
Kontra: Ħadd
Astenzjonijiet: Sur J Zammit

Il-mozzjoni ref: 4309/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, xejn kontra u astensjoni waħda. Il-Kunsillier Zammit saħaq li din il-problema kienet tissolva kieku sargħet iktar sorveljanza.

**18.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4310/16/7 "Sabiex jinxtraw pins għall-midalji ta' Ħajr il-Fgura skont kif anness". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Pins-midalji hajr il-fgura*

Il-mozzjoni ref: 4310/16/7 ġiet approvata unanimament.

**18.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4311/16/7 "Sabiex tittella' attivita bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu. Il-Kunsill jagħmel tajjeb għal pulizija, wardens u sound". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Lejla Maltija*

Il-mozzjoni ref: 4311/16/7 ġiet approvata unanimament.

**18.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4312/16/7 "Sabiex isir patching fl-akwati ta' 52 u 54 Triq Kampanella". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Patching*

Il-mozzjoni ref: 4312/16/7 ġiet approvata unanimament.

**18.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4313/16/7 "Sabiex dan il-Kunsill jibqa' jieħu s-servizz ta' tindif mingħand Catherine Sammut għall-prezz ta' €6.29 is-siegħa, stante illi l-ammonti ma jaqbżux id-direct orders stabbiliti bil-liġi. Il-Kunsill jieħu servizz ta' 8 siegħat fil-ġimgħa". Din kienet ssekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot. *Servizz ta' tindif*

Favur: Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit u Sur M Lombardo.
Kontra: Ħadd
Astenzjonijiet: Sur C Bonello

Il-mozzjoni ref: 4313/16/7 ġiet approvata b'sitt voti favur, xejn kontra u astensjoni waħda.

## 19. Aġġornament

**19.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju, 2016, fis-18:30 hrs.

Il-laqgħa ntemmet fis-20:00 hrs.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| *Dr. Byron Camilleri* | *Sur Kurt Scerri* |
| *Sindku* | Deputat *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: *19 ta' Ġunju, 2016*